# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**AGENT PRESIDENT**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' April 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 114/12 JD**

**Ganni Attard**

**v.**

**Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ghar-ritrattazzjoni mressaq mir-rikorrent Ganni Attard wara s-sentenza li tat din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2016. Din it-talba hija bazata fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), li jikkontempla smigh mill-gdid ta' kawza meta s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Ghal ahjar

intendiment ta' dawn il-proceduri sejra tigi riprodotta s-sentenza ta' din il-Qorti li hemm migbura fiha t-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet, id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, u l-konsiderazzjonijiet li waslu lil din il-Qorti tichad it-talbiet attrici:

> "1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali tal-11 ta' Lulju 2014, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut, laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra u cahdet it-talbiet attrici sabiex il-Qorti [1] tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenut konsistenti fl-esterminazzjoni tal-merhla kollha ta' naghag tal-attur hija wahda: i. illegali; ii. ultra vires iii. maghmula minn awtorita` pubblika illi m'hijiex awtorizzata biex twettaqha; iv. tikkostitwixxi abbuz ta' setgha tal-awtorita` pubblika billi dan sar ghal ragunijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti; v. saret bi ksur taz-zewg principji tal-gustizzja naturali fuq imsemmija; [2] Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrikonsidra d-decizjoni tieghu, u [3] Taghti dawk l-ordnijiet kollha illi jidhrilha necessarji u opportuni fic-cirkostanzi, bl-ispejjez in kwantu ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet a karigu tal-konvenut u l-bqija a karigu tal-attur.
>
> "<u>Mertu</u>
>
> "2. In sintesi, jirrizulta mill-atti illi l-attur Ganni Attard kien qieghed irabbi merhla naghag fis-sit maghruf bhala Tal-Pirwilin, fl-Gharb, Ghawdex. Huwa beda jrabbi sa minn Jannar 2010. F'dik l-istess sena, huwa kien avvicina lil Dr Galea mid-Dipartiment koncernat sabiex jara xi jrid isir sabiex jirregistra din l-attivita`. Dak li ma hemmx qbil dwaru huwa illi filwaqt li l-attur jsostni li Dr Galea kien jaf li huwa kellu n-naghag, dan tal-ahhar isostni li l-attur kien mar biss sabiex jindaga u jistaqsi. Jidher illi l-komunikazzjonijiet bejn l-attur u d-Dipartiment in kwistjoni gew interrotti u r-registrazzjoni tan-naghag baqghet ma saritx.
>
> "3. Nhar it-2 ta' Novembru 2012, it-Tabib Veterinarju Duncan Chetcuti Ganado mid-dipartiment tas-Servizz Veterinarju wettaq spezzjoni fir-razzett tal-attur fejn ra illi n-naghag ma kellhomx takka tal-identifikazzjoni ufficjali fil-widna u kkonferma illi l-attivita` ma kienet koperta minn ebda permess jew registrazzjoni.
>
> "4. It-Tabib Chetcuti Ganado ikkomunika mas-Superjuri tieghu, u gie deciz li n-naghag kellhom jigu distrutti. L-ghada s-Sibt, sakemm l-attur kien mizmum l-Ghassa, bdiet l-esterminazzjoni tal-merhla tal-attur, sakemm inhareg il-mandat ta' inibizzjoni u l-azzjoni giet sospiza.

“Is-Sentenza Appellata

“5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li d-decizjoni tal-konvenut konsistenti fl-esterminazzjoni tal-merhla tan-naghag tieghu hija wahda (i) illegali; (ii) ultra vires; (iii) maghmula minn awtorita` pubblika illi m’hijiex awtorizzata biex twettaqha; (iv) tikkostitwixxi abbuz ta’ setgha ta’ l-awtorita` pubblika billi dan sar ghal ragunijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti; u (v) saret bi ksur taz-zewg principji tal-gustizzja naturali.

“Fl-ewwel lok hemm il-htiega li l-Qorti tirreferi ghal dawk il-fatti li rrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza:

- “L-attur Ganni Attard kien qieghed irabbi merhla naghag li kienet fl-ammont ta’ circa erba’ mija u hames mitt naghga fis-sit maghruf bhala Tal-Pirwilin, fl-Gharb, Ghawdex. Huwa beda jrabbihom sa minn Jannar 2010.

- “Huwa kien xtara mas-70 jew 80 haruf ta’ tlett/ hamest ijiem minghand certu Carmel Portelli. Dan ta’ l-ahhar kien rahhal registrat u anki l-farm tieghu u n-naghag tieghu kellhom ukoll it-takka tal-identifikazzjoni ufficjali fil-widna ossija l-misluta tac-comb.

- “Irrizulta li l-attur kellu permess biex irabbi n-naghag u fil-fatt hekk kien jaghmel u n-naghag tieghu kienu registrati. Izda dan kien fl-1995/1996 u kien registrat fuq San Lawrenz u mhux fuq is-sit inkwistjoni. Oltre’ dan irrizulta li huwa kien ghamel transfer.

- “F’Lulju 2010 l-attur mar ghand Dr Frank Galea li min-naha tieghu indirizzah biex imur il-biccerija ossija id-dipartiment veterinarju ta’ Ghawdex ghand Joe Mifsud. Filwaqt li l-attur jsostni li Dr Galea kien jaf li huwa kellu n-naghag, dan ta’ l-ahhar jichad kategorikament u jsostni li l-attur meta kellmu kien mar jindaga u jistaqsi kif kien se jgahmel biex jibda jrabbi n-naghag u l-moghoz u tkellmu wkoll fuq xi produzzjoni ta’ gbejniet.

- “L-attur mar u meta Joe Mifsud ipprova jfittxu ma sabuhx fuq is-sistema u dak il-hin ifformolaw draft ta’ dikjarazzjoni biex jghinuh. L-attur ma regax mar id-dipartiment.

- “Fit-2 ta’ Novembru 2012, it-Tabib Veterinarju Duncan Chetcuti Ganado mid-dipartiment tas-Servizz Veterinarju u s-sur Manwel Buhagiar mid-Direttorat tat-Trattament Xieraq ta’ l-Annimali telghu Ghawdex sabiex jispezzjonaw ic-Cirku li kien armat f’Ghajnsielem, Ghawdex. Wara li spezzjonaw ic-cirku marru jispezzjonaw postijiet ohra li dwarhom kellhom rapport ta’ attivita’ illegali. Fost dawn ir-rapporti kien hemm rapport relattiv ghal razzett fil-limiti ta’ San Dimitri, Ghawdex. Mill-ispezzjoni li saret fuq ir-razzett indikat instab li kollox kien in regola. Kif l-ufficjali hargu mir-razzett

lemhu lill-attur b'merhla naghag imdaqqsa li kienet qeghda tirgha fl-eghlieqi fl-istess zona ta' San Dimitri. Hemmhekk l-ufficjali ndunaw li ma kellhomx takka tal-identifikazzjoni ufficjali fil-widna. L-ufficjalu mid-dipartiment tas-servizz veterinarju ikkuntatja ufficjal iehor sabiex jivverifika dan il-fatt minn National Livestock Database minn fejn irrizulta li ma kien hemm l-ebda permess li jkopru l-attivita'. L-ufficjal informa lill-attur dwar dan u staqsih ghal spjegazzjoni l-ghaliex l-annimali ma kellhomx identifikazzjoni izda Dr Chetcuti Ganado xehed li l-attur qallu li ma kellux bzonn li jottjeni l-ebda permess biex irabbi n-naghag. Kien wara tali verifiki li Dr Chetcuti Ganado ikkomunika ma' Dr Gruppetta sabiex jinfurmah dwar il-fatti u sabiex jikkonferma x'linja ta' azzjoni kellha tittiehed. Gie deciz li l-annimali kellhom jigu distrutti.

▪ "Irrizulta mix-xhieda ta' Mark Cini[1] li fuq is-sit tal-Pirwilin fl-Gharb, Ghawdex bhalissa m'hemmx permess. Huwa spjega li biex persuna zzomm farm ghandha bzonn permess tal-izvilupp u hemm policy li tirregola dak li huwa necessarju. Huwa xehed li l-permess tal-izvilupp huwa permess normali ta' bini li f'dan il-kaz ta' farm imbaghad ikun hemm bzonn *clearances* mid-dipartiment tal-agrikoltura, mid-dipartiment tas-servizzi veterinarji, mid-dipartiment tas-sahha pubblika, mill-MRA u mis-sezzjoni tal-ambjent. Il-process tal-permess ikun wiehed fis-sens li ssir applikazzjoni tal-izvilupp wahda izda matul il-process tal-permess jintalbu li jingiebu l-*clearances* appena msemmija u l-proposta tkun trid tigi *endorsed* mid-dipartimenti kollha msemmija.

"Mark Cini xehed li saru xi applikazzjonijiet matul iz-zmien fuq dan is-sit mill-attur. Fl-1994 kien inhareg Avviz ta' Nfurzar ghaliex kien qieghed isir xoghol minghajr permess.

"L-ewwel rekord li sab kienu l-applikazzjonijiet PA 425/94 u PA4314/94 li saru sabiex jigi regolarizzat l-izvilupp li kien sar. Dawn l-applikazzjonijiet kienu gew michuda. Gew intavolati l-appelli li kienu gew michuda ukoll. Wara l-appelli, l-Avviz tal-Infurzar ECF 846/94 gie riferut biex jitnehha l-bini illegali u jitnehha l-izvilupp illegali fuq il-post. Kien irrizulta li matul iz-zminijiet tkomplew xi zviluppi ohra fuq is-sit u dan dejjem minghajr permessi u bi ksur tal-Avviz biex Tieqaf mit-Twettiq.

"Saret ukoll applikazzjoni fl-1998 li giet ukoll rifjutata fl-appell. Saru diversi spezzjonijiet minhabba l-infurzar. Xehed ukoll li fl-2006 saret talba sabiex permezz tal-procedura ta' development notification order fis-sit jinbena gibjun u titpogga xi hamrija addizzjonali fl-eghliqei izda t-talba ma ntlaqghetx.

"L-enforcement order ghadu pendenti sabiex l-Awtorita` tiddeciedi hux se jkun hemm azzjoni ohra jew billi tmur tnehhi l-azzjonijiet illegali.

"Fil-frattemp u prezentement hemm *'request for screening'* li hija talba sabiex l-izvilupp li hemm fuq il-post jigi regolarizzat u jsir farm. Din giet prezentata wara l-bidu tal-proceduri odjerni. Ix-xhud spjega li trid tinhareg *screening letter* biex l-applikant ikun notifikat x'rapporti ghandu bzonn u fejn il-proposta taqbel jew ma taqbilx mal-*policy.*

[1] Senior Planning Officer mad-Direttorat tal-Ippjanar fil-MEPA fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2014

Wara li tohrog l-*iscreening letter* l-applikant ikollu perjodu taz-zmien li jkun stabbilit sabiex jikkonferma li jrid jipprocedi bl-applikazzjoni u wara li jkun issottometta d-dokumenti kollha mitlubin fl-*iscreening letter,* tkun tista' tigi validata l-applikazzjoni biex jibda l-process tal-applikazzjoni ghall-izvilupp. Sa meta xehed kienet intalbet estensjoni sabiex tinhareg l-iscreening letter.

- "Irrizulta mix-xhieda ta' Joseph Zammit[2] li hemm zewg linji tad-data – (i) l-ewwel jibdew jillicenzjaw il-premises. F'dan l-istadju jaraw x'permess tal-MEPA hemm, jivverifikaw jekk ir-razzett hux approvat minhabba l-animal welfare u jaraw ir-rekwiziti kollha tal-premises. Meta l-premises jigu approvati mid-dipartimenti kollha jiddahhal fid-database bhala dak ir-razzett li huwa registrat li jista' jrabbi l-annimali go fih; (ii) is-sistema l-ohra hija li jirregistraw l-annimal partikolari. L-ewwel jibdew meta l-annimal jitwieled – jiccekkjaw is-sess tieghu, l-origini tieghu ossija min kienet ommu u mnejn gej biex ikollhom traccabilita' ta' minn fejn gie dak l-annimal. Fuq id-database se ssib in-numru tal-annimal tat-tag li jkunu wahhlulu tal-individual identification. Ikollhom ukoll id-data tat-twelid ghaliex dik tiddetermina ghal certu testijiet 'il quddiem bhala ma huma tal-BSE ecc u jiccekkjaw ommu min kienet biex jekk ikun hemm xi mard li jittiehed genetikament ikollhom dak ir-rekord fis-sistema komputerizzata wkoll. Ladarba l-annimal ikun dahal fid-database jigi abbinat mal-premises li jkun registrat u jkunu jafu li fi premises partikolari hemm tant annimali.

- "Ix-xhud spjega wkoll li meta razzett ikun irid jixtri annimali minn razzett iehor irid jitlob permess lid-dipartiment. L-ewwel tintalab *a temporary movement permit* u jiccekkjaw li z-zewgt irziezet huma registrati skont il-procedura taghhom, li l-annimali qeghdin imdahhlin skont ir-regolamenti, skont l-istatus tal-farms jaghmlu l-moviment. Jekk razzett ghandu mard u l-iehor le ma jinghatax permess li jiccaqalqu l-annimali biex ma jkunx hemm tixrid ta' mard.

- "Mill-verifiki li ghamel huwa stess cioe' mid-database ma ghandu xejn irregistrat fuq is-sur Attard u lanqas il-premises mhuma registrati. Ghaldaqstant l-attur mhux approvat mid-dipartiment li jistghu jinzammu l-annimali.

- "In kontro-ezami x-xhud spjega li rahhal ghandu sitt xhur biex jirregistra lill-annimal li twieled izda jekk dak l-annimal ikun sa jiccaqlaq qabel irid jigi registrat qabel xejn minhabba t-traccabilita'.

- "Proprju minhabba dawn l-illegalitajiet li fihom kien qieghed jopera l-attur il-konvenut wara li saru l-verifiki ordna li l-annimali kollha jinqatlu. Fil-fatt, is-Sibt 3 ta' Novembru 2012 beda l-qtil ta' l-annimali u li kieku ma kienx ghal mandat ta' inibizzjoni l-annimali li sal-lum ghadhom hajjin kienu jinqatlu wkoll.

"Fit-tieni lok, jehtieg li jigu trattati l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut.

"(i) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

[2] Seduta tad-9 ta' Jannar 2014, Database coordinator fid-dipartiment tas-servizzi veterinarji

"Il-konvenut eccepixxa li r-rikorrenti ghandu jispecifika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed isejjes l-azzjoni tieghu.

"Illi anki mill-qari tar-rikors guramentat huwa evidenti li l-attur qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan gie ddikjarat minnu stess kemm waqt it-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. L-istess konvenut donnu lanqas baqa' jinsisti fuq din l-eccezzjoni tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu lanqas biss ghamel referenza ghall-istess eccezzjoni.

"Ghalhekk tali eccezzjoni qeghda tigi michuda.

"(ii) <u>It-Tieni Eccezzjoni</u>

"Din l-eccezzjoni taqra hekk:

> "*Illi jekk l-attur qieghed jistitwixxi din l-azzjoni abbazi ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tali azzjoni hija improponibbli ghaliex l-ordni tad-Direttur ma tikkwalifikax bhala 'ghemil amministrattiv' kif definit fis-sub-artikolu (2) tal-imsemmi artikolu u ghalhekk l-imsemmija ordni ma tistax tigi impunjata ai termini ta' dan l-artikolu tal-ligi*
>
> "Illi l-artikolu 469A fis-subinciz (2) jiddefinixxi x'jikkostitwixxi ghemil amministrattiv bil-mod segwenti *"tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`".*

"Huwa zgur li fil-kaz odjern l-attur qieghed jitlob stharrig gudizzjarju ta' l-ordni li inghata mill-konvenut biex in-naghag tieghu jinqatlu. Dan zgur ma jistax jinghad li sar bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess dipartiment tas-servizz veterinarju. M'hemmx dubju li l-azzjoni tal-konvenut konsistenti f'ordni biex l-annimali jinqatlu taqa' proprju taht il-kappa *"il-hrug ta' kull ordni".*

"Il-qorti ma tqisx li dak sottomess mill-konvenut li ghaliex dan l-ordni li huwa taha huwa konsegwenza tal-funzjoni vestita fih mill-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard tezorbita mid-dritt pubbliku li ghalih jahseb l-artikolu 469A tal-Kap 12. Infatti l-kontestazzjoni min-naha ta' l-attur hija proprju li l-konvenut ma kienx vestit mill-istess Ordinanza biex jaghti tali ordni.

"Ghalhekk anki din it-tieni eccezzjoni qeghda tigi michuda billi mhiex misthoqqa.

"(iii) <u>It-Tielet Eccezzjoni</u>

"Illi l-konvenut eccepixxa li r-rikorrenti ghandu jgib il-prova illi huwa effettivament is-sid ta' l-annimali mertu ta' l-azzjoni odjerna.

"In verita' waqt it-trattazzjoni tal-kawza qatt ma kien in diskussjoni l-fatt li l-annimali mertu tal-kawza odjerna kienu jappartjenu u huma ta' l-attur u dan qieghed jinghad anki jekk ma gew prezentati l-ebda dokumenti li jippruvaw dan. Oltre' dan, anki l-istess konvenut ma baqax jinsisti fuq tali eccezzjoni.

"Ghaldaqstant anki din it-tielet eccezzjoni qeghda tigi michuda billi mhiex misthoqqa.

"(iv) Fil-Mertu

"Illi l-ilment ta' l-attur huwa bbazat fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 precizament s-subinciz (1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv).

"L-Art.469A tal-Kap.12 jaqra hekk –

> *"(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :*
>
> "*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;*
> "*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :*
> "*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew*
> "*(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil ; jew*
> "*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ; jew*
> "*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

"Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta**[3]

> *"Dwar din l-azzjoni, din il-Qorti (diversament presjeduta)* ***[PA/JRM]*** *qalet hekk fis-sentenza taghha tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta**" li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 –*

"*Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita` pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita`, ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita` billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita` pubblika;*

[3] Rik Nru: 1145/2008JZM deciza fit-12 ta' Dicembru, 2011

"*Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-htiega li l-Qorti tqis x'tip ta' stharrig ghandha taghmel skond il-ligi dwar l-ghemil tal-Bank imharrek. Tali ezercizzju huwa wiehed li jmiss l-aspetti sostantivi tal-kawza prezenti. Illum il-gurnata, l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta` stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod. Wahda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista' jinkiseb mod iehor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal iehor kif provdut mil-ligi. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li l-kumpannija attrici kellha rimedju iehor procedurali jew statutorju ghall-ilment taghha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b'din l-ghamla ta' azzjoni ;*

"*Illi mit-tifsira ta' "awtorita` pubblika" moghtija fl-artikolu 469A(2), johrog car li l-Bank imharrek huwa awtorita` kif hekk imfissra, u dan ukoll ghaliex huwa korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi li ghandu funzjoni regolatrici pubblika u amministrattiva. Dawn l-elementi ma gew bl-ebda mod michuda mill-istess Bank u lanqas jidher li tqanqal xi dubju dwar jekk il-Bank huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni specjali mibdija kontra tieghu …* ***DeSmith & Evans*** *fil-Judicial Review of Administrative Action (Fourth Edition – pag. 278-9) ighidu hekk –*

*"A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. . . . . The crucial question, however, is : In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided."*

"**<u>Is-subinciz (i) tal-inciz (1)(b) tal-artikolu 469A</u>**

"Skont dan is-subinciz, l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* -

"*meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu*

"Mhux kontestat li l-ordni sabiex l-annimali ta' l-attur jinqatlu inghata minn Dr Anthony Gruppetta li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali fid-Dipartiment Veterinary and Phyto Sanitary Regulation.

"L-argument ta' l-attur huwa li l-konvenut qieghed isostni li l-azzjoni tieghu kienet wahda gustifikata abbazi tal-legislazzjoni sussidjarja 36.32, kif ukoll fil-Council Regulation 21/2004 u tal-artikolu 76 tal-Kap 36 tal-Ligijiet ta' Malta, madankollu huwa jsostni li l-ordni nharget minn persuna li ma kellhiex awtorita` li tohrogha skont il-ligi.

"Infatti l-attur jirreferi ghall-artikolu 76 tal-Kap 36 u jsostni li kwalunkwe azzjoni taht l-artikolu citati kienet tispetta lid-Direttur tal-Agrikoltura u whud minnhom jolqtu lill-'Government Veterinary Surgeon'. Dan l-artikolu jistipula li

"*'Id-Direttur tal-Biedja jista', kull meta jidhirlu xieraq, jordna li jigi maqtul-*

"*(a) kull annimal suspett li ghandu marda'*

"Kif diga' inghad, l-ordni sabiex l-annimali jigu maqtula ma nghatatx mid-direttur tal-biedja izda mid-Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phtyo Sanitary Regulation. Din il-Qorti ma tistax tieqaf biss fuq l-intestatura. Infatti jehtieg li din il-ligi tinqara wkoll mal-Att tas-Servizz Pubbliku cioe' l-Kap 497 senjatament it-Tieni Skeda li jipprovdi li fl-intimat hemm vestiti l-funzjonijiet u dak kollu li ghandu x'jaqsam mas-sahha ta' l-annimali u s-sahha pubblika dovuta ghall-mard li jittiehed mill-annimali. L-Att qieghed ighajjat il-funzjoni u l-obbligi imposti.

"Ghalhekk certament ma jistax jinghad li l-ordni inghata minn persuna li ma kellhiex il-poter li tohorgu u kwindi tali ilment imressaq mill-attur mhux gustifikat.

"**Is-subinciz (ii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap.469A**

"Skond dan is-subinciz, l-eghmil amministrattiv ikun `ultra vires' –

"*meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil*

"Hekk kif intqal fis-sentenza precitata fl-ismijiet **Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta**[4]

*"Fid-dritt amministrattiv ta` pajjizna, li huwa fondat fuq il-ligi Ingliza (ara "**Cassar Desain vs Forbes noe**" - Qorti ta' l-Appell - 7 ta' Jannar 1935 u "**Lowell et vs Caruana et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awwissu 1972) kemm il-principju tal-judicial review kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel mal-Parlament Malti ghamel ligijiet ad hoc sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) ghandha tapplika l-Ligi Ingliza. Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-principju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunita' li jghidu tieghu,*

[4] Rik Nru: 1145/2008JZM deciza fit-12 ta' Dicembru, 2011

*fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq.*

*------------------------------Omissis------------------------------*

"*Fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta **(PA/JRM)** inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali -*

> *"Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom." (ara wkoll – "**Debono vs Phoenicia Systems Ltd**" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)*

"*Fis-sentenza ta` din il-Qorti, diversament presjeduta, **(PA/RCP)** moghtija fis-27 ta' Jannar 2011 fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon vs Ministru ghall- Affarjiet Rurali u l-Ambjent et"** kien ritenut hekk –*

> *"Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha preavviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta' l-istess, tant li fl-**Evans De Smith's Judicial Review of Administrative Action** (4th Edit. fol. 196) jinghad li "Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter". **("Dr J.Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti et" Prim Awla, 20 ta' Ottubru 2005 ; "A Gonzi v. Malta Drydocks Corporation", Prim Awla, 27 ta' Ottubru 2004).**"*

"*Fis-sentenza **"A & J Ta` Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) diversament presjeduta **(PAK/TM)** fl-14 ta' Ottubru, 2004, kien ipprecizat li –*

> *"ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha."*

"*F`pagna 240 ta` Garner`s Administrative Law citat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri **(AE)** fis-sentenza taghha tad-29 ta` Frar 2008 fil-kawza "**Attard vs Kunsill Lokali tal- Munxar Ghawdex**" jinghad hekk –*

> *"the audi alteram partem rule – the essence of which is that, in certain contexts, prior to a decision being taken in the exercise of statutory power which may adversely affect the interests of individuals, those individuals*

*should be alerted to the fact of, and the reasons for, the impending decision or action, and be permitted reasonable opportunity to make representations"*

"*Fil-pagna 441 ta`* ***Administrative Law*** *ta` Wade & Forsyth (op. cit.) jinghad hekk –*

*"the rules of natural justice thus operate as implied mandatory requirements, non-observance of which invalidates the exercise of the power"*

"*Ikompli jsostni Lord Bridge fil-kawza* ***"Lloyd vs McMahon"*** *tal-1987 citata f`pagna 335 tal-Judicial Review Handbook (1994) –*

*"the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates"*

"*Apparti l-principji tal-gustizzja naturali, id-disposizzjoni titkellem ukoll dwar htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv. Fis-sentenza tal-1985 tal-House of Lords fil-kawza '****Council of Civil Service Unions and Others v. Minister for the Civil Service'*** *inghad hekk minn Lord Diplock –*

*"I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred, even where such failure does not involve any denial of natural justice."*

"L-ilment ta' l-attur taht dan is-sub-inciz huwa li l-konvenut ma tah l-ebda opportunita' sabiex jaghmel il-kaz tieghu u li jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu izda talli d-decizjoni li ttiehdet ma gietx ikkomunikata lilu.

"Illi dak li rrizulta lil din il-qorti huwa li l-attur f'Jannar 2010 xtara l-hrief minghajr ma segwa l-proceduri li gew spjegati aktar 'il fuq. F'Lulju 2010 mar ikellem lil Dr Frank Galea li indirizzah biex imur id-dipartiment. L-attur mar id-dipartiment u beda jistaqsi dwar x'irid isir u qalilhom li huwa kellu permess izda ma sabuhx fuq is-sistema. Mhux kontestat li huwa ma regax mar fid-dipartiment. L-attur isostni li kien qalilhom li kellu n-naghag u li xtaq li dawn imorru jtaqqbuhom u xehed li Dr Galea qallu li skont il-ligijiet vigenti dan ma setax isir. Irid jigi precizat li Dr Galea cahad li kien jaf bl-ezistenza ta' dawn l-annimali. Hu x'inhu pero' l-attur kien jaf li l-annimali kellhom jigu registrati ghaliex fil-passat huwa stess fis-snin disghin kien irabbi b'mod legali u kien kopert bil-permess tant li meta sar transfer dan gie ukoll debitament registrat. Kwindi huwa kien konxju, anki jekk forsi ma kienx jaf id-dettall tal-ligijiet kollha vigenti, li kien jehtieg li jkollu certu permessi biex irabbi.

"Sadanittant ghadda z-zmien u fit-2 ta' Novembru 2012 iltaqa' mat-Tabib Veterinarju Duncan Chetcuti Ganado li rrimarkalu li n-naghag kienu bla misluta tac-comb. Huwa staqsih ghalfejn l-annimali ma kellhomx identifikazzjoni izda l-attur filwaqt li wrieh li kien jaf li suppost kienu registrati ma tah l-ebda spjegazzjoni. L-istess tabib xehed li l-attur qallu li huwa ma kellux bzonn anki jekk l-attur jichad li qal din il-frazi. L-attur madankollu wkoll jikkonferma li kien hemm din il-laqgha mat-tabib waqt li huwa kien qieghed jirgha n-naghag u li t-tabib qallu li kienu se jergghu jmorru l-ghada. Gara li l-Gimgha ttiehdet id-decizjoni li l-annimali kellhom jinqatlu izda minhabba li l-ufficjali ddikjaraw li hassewhom mhedda mill-imgieba ta' l-attur meta ltaqghu mieghu ntalbet l-assistenza tal-pulizija. Min-naha tal-pulizija, l-Ispettur xehed li hass li kien ikun ahjar li jghajjat lill-attur is-Sibt filghodu u jinfurmah huwa b'dak li kien se jigri cioe' li l-annimali kienu se jinqatlu. Infatti d-decizjoni li l-annimali kienu se jinqatlu giet komunikata lill-attur mill-Ispettur Tabone. L-attur jallega li gie arrestat illegalment. Dan mhux il-forum idoneju fejn tali allegazzjoni tista' tigi investigata. Pero' bhala stat ta' fatt irrizulta li l-attur f'xi punt gie arrestat izda huwa ikkomunika mal-avukat tieghu biex ikunu jistghu jittiehdu l-proceduri appoziti u infatti gie prezentat il-mandat ta' inibizzjoni.

"Ghalhekk ma jistax jinghad li dan il-principju tal-*audi alteram partem* gie mittiefes ghaliex fl-ahhar mill-ahhar anki mill-gurisprudenza kkwotata ma twassalx li bilfors irid ikun hemm xi sottomissjonijiet fit-tul u jrid ukoll jittiehed kont tac-cirkostanzi tal-kaz inkwantu kien jikkoncerna annimali li setghu jew il-prodotti maghmula mill-halib taghhom jiddahlu fil-katina tal-ikel minghajr ma kienu saru l-ezamijiet tad-demm mehtiega. Ghalhekk zgur li ghad-direttur id-decizjoni riedet tittiehed f'qasir zmien. Oltre' dan irid jinghad li l-attur lanqas biss huwa registrat bhala rahhal mal-konvenut. Ukoll ma giex ippruvat li l-konvenut kien jaf bl-ezistenza ta' l-attur u l-merhla tieghu u ghalhekk ma setax ikollu komunikazzjoni minn qabel mieghu fuq din il-kwistjoni. Meta l-ufficcjali indunaw bih it-tabib kellmu mill-ewwel u talbu spjegazzjoni liema spjegazzjoni ma kinitx accettabbli ghall-konvenut u wara l-verifiki l-ohra li saru mill-istess tabib ittiehdet id-decizjoni li ttiehdet.

"L-attur ilmenta wkoll li kien hemm ksur tal-principju *nemo iudex in causa propria.* Effettivament il-verifiki saru mill-ufficjali tad-dipartiment veterinarju izda d-decizjoni ttiehdet mill-konvenut liema konvenut ibbaza u ezercita d-diskrezzjoni tieghu abbazi ta' artikolu tal-ligi u kwindi ma tistax tqis li dan l-ilment huwa gustifikat.

"**<u>Is-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Art.469A</u>**

"Skond dan is-subinciz, l-eghmil amministrattiv ikun `ultra vires' –

> "*meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti"*

"Fis-sentenza precitata inghad ukoll:

*"Fil-kuntest ta` din id-disposizzjoni, jidhol l-element ta` dak li huwa "ragonevoli" (reasonableness) u li ghandu jkun segwit mill-awtorita` pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha.*

"***Wade** ("**Administrative Law**") jikkumenta hekk –*

"*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably.*

"*Tqum il-kwistjoni dwar the legal standard of reasonableness li huwa mehtieg sabiex jigi sodisfatt dak ir-rekwizit ghax, kif jikkumenta l-istess awtur, virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*

"*Kien ritenut ukoll li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg li tkun bazata fuq kriterji oggettivi ("**Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et**" – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u "**Dalli vs Sollars et**" – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009).*

"*Lord Greene MR fil-kawza **"Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation"** [1948] 1 KB 223 ighid hekk –*

*"It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in relation to exercise of statutory discretion often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably.' Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the power of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66 at 90, 91 gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it may be described as being done in bad faith ; and, in fact, all these things run into one another." (enfasi ta` din il-Qorti).*

"*Dwar **irrelevant considerations** Lord Esher MR fil-kawza **"R. vs St. Pancras Vestry"** (1890) qal hekk –*

*"they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion"*

*Skond il-**Garner's Administrative Law**, BL Jones & K Thompson, Tmien Edizzjoni, Butterworths, 1996 (pag.224) fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, il-Qrati ghandhom is-setgha illi jissindakaw " … that the decision making*

> *body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions". Fl-istess waqt skond Forbes J fil-kawza "**Pickwell v Camden London Borough Council**" (1983), 1983 osserva li r-rwol tal-qorti mhwiex li jghidu "whether due or proper weight is given to a material consideration : the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine ; the court will no more substitute its own view of the importance of anyrelevant matter than it will do so for any other matter of statutory discretion"*

"Ix-xoghol tal-qorti mhuwiex li sservi ta` appell jew ta` revizjoni tad-decizjoni tal-Awtorita` izda li tqis jekk id-decizjoni li hadet l-Awtorita` kenitx taqa` fil-parametri tal-ligi.

"Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta` Mejju 2010 fil-kawza "Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et" esprimiet il-hsieb taghha bl-aktar mod car –

> *"F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni ; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti."*

"Din il-Qorti ghalhekk mhix mitluba tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-konvenut izda trid tqis jekk fic-cirkustanzi kollha tal-kaz l-ordni li inghata kienx ragjonevoli.

"Kif diga' intqal aktar 'il fuq, l-attur mhux registrat mad-dipartiment biex irabbi l-annimali. Ghalkemm fil-passat kien izda wara t-transfer il-permess tieghu kien maghluq. Il-premises mhumiex koperti bil-permessi kollha necessarji u l-annimali mhumiex registrati.

"Illi rrizulta minn diversi xhieda, fosthom Dr Anthony Gruppetta, li hija l-policy tad-dipartiment li meta jinsabu annimali llegali go rziezet dawn jinqatlu. Tali policy ilha snin shah tigi adoperata. Jinghad mill-ewwel li l-fatt fih innifsu li dipartiment ikun ihaddem policy (li s'intendi mhix ligi) u li jkun ilu jaghmel dan ghal diversi snin ma jfissirx necessarjament li tali policy hija wahda korretta.

"Illi l-konvenut spjega li d-decizjoni li ha, apparti li hija bbazata fuq prassi pero' hija wkoll ibbazata fuq l-artikolu 76 tal-Kap 36 tal-Ligijiet ta' Malta li diga' gie citat f'din is-sentenza. Minn qari ta' dan l-artikolu id-Direttur huwa moghti diskrezzjoni li joqtol fuq suspett ta' mard jekk jidhirlu li hemm raguni xierqa. Lanqas hija tassattiva l-ligi. Dan a differenza ta' x'jipprovdi l-artikolu 75 tal-Kap 36 li din id-darba b'mod tassattiv jimponi obbligu fuq id-Direttur li f'kaz ta' mard imsemmi fl-istess artikolu ghandu joqtol lill-annimali. Il-punt kollu f'dan il-kaz allura huwa jekk il-fatt li l-annimal mhux registrat u mhux identifikat u mhix maghrufa l-provenjenza tieghu necessarjament ghandux iwassal awtomatikament ghal suspett ta' mard u li allura ghandux l-annimal jinqatel bilfors.

"Il-qorti tirreferi ghall-artikoli 3(1) u (2), 6 u 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 36.32 li jaqraw hekk:

> "***3.*** *(1) Ghall-finijiet li jassigura il-prevenzjoni minn tixrid ta' mard fost l-annimali, id-Direttur ghandu jzomm registru ta' irziezet u ta' kull min ikun jahdem fihom.*
> *(2) Kull min izomm razzett, jew jahdem jew ikun impjegat f'razzett, ghandu jirregistra lilu nnifsu u r-razzett fejn ikun jahdem, jew li jkun izomm, ghand id-Direttur, u hadd ma ghandu jzomm annimali, jew jahdem, f'razzett sakemm hu u r-razzett li jkun jahdem fih ma jkunux hekk registrati.*
>
> "***6.*** *Hadd ma ghandu jcaqlaq jew jaghti lok li jiccaqlaq xi annimal minn razzett registrat ghal x'imkien iehor jew ghal biccerija, sakemm ma jkunx qabel kiseb permess bil-miktub minghand id-Direttur ghal dak l-iskop.*
>
> "***7.*** *Kull detentur ta' razzett ghandu jzomm ktieb tar-razzett. f'dik il-forma li d-Direttur ikun jehtieg, li fih jinkitbu dettalji tan-numru u xorta ta' annimali li jkunu qed jinzammu fir-razzett u kull zieda jew tnaqqis fl-ghadd taghhom, kif ukoll kull dettall dwar l-identifikazzjoni taghhom, flimkien mad-dati relattivi.*

"L-artikolu 5(1)(a) tal-Avviz Legali 292 tal-2005 (LS 437.78) ukoll jistipula li *"marki ta' identifikazzjoni ghandhom jigu applikati qabel l-annimali jitilqu mir-razzett fejn jitwieldu".* L-artikolu 4(1)(b) ta' l-istess Avviz Legali jipprovdi li kull detentur ta' naghag u moghoz ghandu jzomm registru li jinkludi ta' l-inqas l-ghadd totali ta' naghag u moghoz li jkunu jinsabu fir-razzett, kif ukoll il-wild u mewt ta' kull sena u caqliq ta' bhejjem bhal xiri, bejgh jew qatla.

"Irrizulta wkoll li ebda persuna ma tista' tixtri annimali minghand persuna li mhux registrata u li kull annimal fuq razzett irregistrat irid ikun identifikat b'mod sodisfacenti. Dawn l-istess provvedimenti huma wkoll imsemmija f'Council Regulation 21 tas-sena 2004 li tistabilixxi sistemi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni fl-ovini u l-kaprini. Tali regoli ta' identifikazzjoni ta' kull annimal kif ukoll tad-detenturi taghhom u tal-irziezet fejn jinzammu kollha ghandhom il-fini li jkun hemm il-kontrolli necessarji minn meta jitwieled l-annimal sa ma dan jew din tipproduci ikel ghall-konsum uman jew sakemm jinqatel ghal-laham u l-produzzjoni taghhom hija importanti hafna ghas-sahha pubblika veterinarja u kwindi essenzjali ghas-sahha pubblika.

"Hekk kif intqal fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, il-principju ta' azzjoni kawtelatorja fil-linji tal-produzzjoni tal-ikel huma obbligu ghall-pajjiz biex tigi salvagwardjata s-sahha tal-bniedem. Hawnhekk issir referenza ghall-artikolu 7 u minn artikolu 18 tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja 178/2002 li jitratta specifikatament fuq it-traccabilita' tal-*food producing animals* bhalma huma n-naghag inkwistjoni.

"Mehuda dawn ir-regolamenti vigenti u tenut kont tal-fatt li wara l-verifiki li saru mill-ufficjali tad-dipartiment li (i) l-attur ma kienx registrat biex izomm l-annimali; (ii) il-premises infushom mhumiex koperti bil-permessi necessarji u r-razzett mhux registrat mad-database; u (iii) lanqas l-annimali ma kienu u tenendo kont li dan in-nuqqas kollu kien ifisser nuqqas ta' traccabilita' ta' l-annimali ghar-ragunijiet li ssemmew aktar 'il fuq kwindi s-suspett tad-direttur kien wiehed ragjonevoli u

ghalhekk id-diskrezzjoni fdata f'idejh mil-ligi giet ezercitata fil-parametri tal-ligi.

"L-attur issottometta li l-annimali tieghu kienu hielsa mill-mard. Irrizulta li wara li nqatlu l-annimali saru biss zewg testijiet ghal zewg tipi ta' mard u rrizulta li kienu negattivi ghall-mard izda l-annimali ma gewx ittestjati ghall-mard kollu anki ghaliex tali testijiet jiswew hafna flus u fi kwalunkwe kaz irrizulta li dawn l-annimali qatt ma jistghu jidhlu fil-katina ta' l-ikel.

"Oltre' dan irrizulta wkoll li l-attur kien qed jipproduci prodott ghall-konsum uman li l-ammonti li nstabu zgur ma jistax jinghad li tali prodotti kienu intizi ghall-uzu tieghu biss. Kwindi l-istess attur kien qieghed jipproduci gbejniet minn post mhux licenzjat, mhux attrezzat u igenikament mhux idoneju sabiex jigu prodotti. Ukoll il-gbejniet kienu qeghdin jigu prodotti minn annimali mhux registrati u ghalhekk mhux imlaqqmin u ttestjati regolarment ghall-mard fosthom kif jimponi r-Regolament KE numru 852/2004 .

"**<u>Is-subinciz (iv) tal-inciz (1)(b) tal-Art.469A</u>**

"Skond dan is-subinciz, l-eghmil amministrattiv ikun `ultra vires' –

*"(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

"Illi l-allegazzjoni ta' l-attur li l-azzjoni kienet illegali ghaliex mhux ibbazata fuq l-ebda ligi lanqas ma hija fondata ghaliex hekk kif gie konkluz minn din il-qorti fil-paragrafi precedenti l-konvenut ibbaza d-decizjoni u l-ordni tieghu fuq l-artikolu 76 tal-Kap 36 u kif ukoll abbazi ta' l-obbligi imposti minn diversi ligijiet u direttivi u regolamenti tal-Unjoni Ewropeja li saret diga' referenza ghalihom."

"<u>L-Appell</u>

"6. Fir-rikors tal-appell tieghu l-attur, fost affarijiet ohra, ihossu aggravat bil-fatt [1] illi l-ewwel Qorti ma qablitx li l-att amministrattiv kien jimmerita illi jigi rivedut minhabba li huwa ultra vires ghaliex l-ghemil twettaq minn awtorita` pubblika li ma kinitx awtorizzata li twettqu; [2] illi l-ewwel Qorti iddecidiet li l-att amministrattiv konsistenti fid-decizjoni tal-esterminazzjoni ma kienx vjolattiv id-dritt tal-audi alteram partem; [3] illi l-ewwel Qorti ma iddecidietx illi dan l-ghemil huwa ultra vires u jikkostitwixxi abbuz serju tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan sar ghal ragunijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

"7. Fir-rikors tal-appell prezentat fil-31 ta' Lulju 2014, l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn cahdet l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenut, thassarha fil-bqija u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

"8. Fir-risposta tieghuipprezentata fil-21 ta' Awwissu 2014, l-intimat qed jitlob din il-Qorti sabiex tichad l-appell de quo bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

"<u>L-Aggravji</u>

"*L-Ewwel Aggravju*

"9. Rigward l-ewwel aggravju, l-attur jissottometti li ghalkemm il-konvenut jghid li huwa agixxa bis-sahha tal-Artikolu 76 tal-Kap. 36, dan l-Artikolu jawtorizza lid-Direttur tal-Biedja biex jaghmel dan u l-ligi mkien ma tipprovdi illi dan il-poter qed jinghadda lil xi direttur iehor bhall-konvenut.

"10. Jghid li, ghalkemm l-ewwel Qorti iddisponiet minn dan il-gravamm billi rreferiet ghat-Tieni Skeda tal-Kap 497 tal-Ligijiet ta' Malta, mkien ma hemm f'din il-ligi li dritt jew obbligu moghti minn xi ligi lil xi Dipartiment jista' jigi ezercitat minn xi Dipartiment iehor. Jghid li la l-konvenut ma huwiex id-Direttur tal-Biedja, huma x'inhuma l-funzjonijiet tieghu, ma jistax jassumi funzjonijiet li l-ligi tirrizerva ghal Direttur iehor, aktar u aktar meta si tratta minn sanzjoni konsistenti f'esterminazzjoni ta' merhla fuq mera suspett u ipotezi ta' mard.

"11. Inoltre, ghalkemm il-konvenut jghid li tali policy tad-Dipartiment ilha hekk zmien, policy mhijiex ligi u ma jfissirx li tali policy hija legali. Il-prova li l-bhejjem in kwistjoni kienu morda kienet tispetta lid-Dipartiment, li kellu jaghmel il-verifiki kollha qabel ma ha d-decizjoni li jnehhi n-naghag jekk ikun il-kaz.

"12. Jghid li hu kien mar id-Dipartiment u informa lil Dr Frank Galea illi kellu n-naghag mhux registrati u kien gie mwieghed illi l-pozizzjoni tieghu kienet ser tigi regolarizzata, izda sentejn wara, l-istess Dipartiment ghazel li jidhol fil-propjeta` tieghu minghajr pre-avviz u jestermina n-naghag minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Jghid li l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Dr Frank Galea tas-6 ta' Novembru 2012 li permezz taghha gie ikkonfermat li l-attur kien kellem lid-Dipartiment dwar is-sitwazzjoni tieghu, u jghid ukoll li ghalkemm il-Qorti tghid li ma huwiex kontestat li l-attur ma regax mar id-Dipartiment, dan ma huwiex minnu ghaliex huwa kien mar bosta drabi ohra u kien imur ukoll ghand Dr Frank Galea personalment u perjodikament in konnessjoni mat-trobbija tan-naghag.

"13. Il-konvenut iwiegeb ghall-ewwel aggravju tal-attur billi fost affarijiet ohra, jissottometti illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta osservat illi l-Kap 36 irid jinqara fil-kuntest tal-Kap 497, minn fejn johrog illi fil-konvenut hemm vestiti funzjonijiet li jirrigwardjaw is-sahha tal-annimali u s-sahha pubblika dovuta ghal mard li jittiehed mill-annimali. It-tieni skeda tal-Kap 497 tipprovdi specifikament li l-konvenut ghandu d-dmir u s-setgha li jirregola l-harsien tal-annimali u

jissalvagwardja s-sahha pubblika billi jara li l-bhejjem ma humiex morda.

“14. Jghid li bazi legali ghad-decizjoni hemm u ttiehdet mid-Direttur Generali li hu responsabbli mis-sahha tal-annimali u hu wkoll responsabbli ghall-katina tal-ikel sabiex jiggarantixxi li l-ikel u l-prodotti ghall-konsum uman li jigu mill-annimali huma tajbin u hielsa minn mard. Jghid li l-ordni tieghu hija msejsa fuq l-Artikolu 76 tal-Kap 36, li jipprovdi illi d-Direttur jista’ jordna li jigi maqtul kull annimal suspettat li ghandu marda, u ghalhekk il-punt tat-tluq huwa x’jikkostitwixxi suspett ta’ mard f’kaz ta’ annimali. Jghid li fil-kaz odjern is-suspett huwa impernijat fuq il-fatt li hemm nuqqas ta’ traccjabilita` tal-annimali galadarba l-attur ma rregistrax ruhu biex jaghmel dan ix-xoghol, ma rregistrax il-post fejn kien iwettaq dan ix-xoghol u ma rregistrax l-annimali in kwistjoni.

“15. Jghid li minn qari tal-Artikolu 76 jirrizulta id-Direttur huwa moghti diskrezzjoni li joqtol fuq suspett ta’ mard jekk jidhirlu li hemm raguni xierqa. Dwar ir-raguni xierqa jikkwota x-xhieda ta’ Dr Anthony Gruppetta tas-6 ta’ Novembru 2012, li jispjega fost affarijiet ohra, li la l-merhla mhux registrata, is-suspett qieghed fin-naghag kollu li hemm u li l-igi ma taghti ebda zmien sabiex persuna li tkun qed trabbi tikkonforma mar-regoli ghaliex kull annimal irid ikunu ittestjajt darbtejn fis-sena ghad-deni irqiq biex ir-razzett ikun akkreditat li jaghmel prodotti ghall-konsum uman. Dawk li ma humiex akkreditati ma jistghux jidhlu fil-linja tal-produzzjoni u jinqatlu, ghaliex ma jkunx hemm il-provenjenza taghhom.

“16. Ghalhekk jghid li l-fatt li l-attur ma kienx registrat, ma kellux post licenzjat u l-annimali infushom ma kienux registrati, wasslu biex jifforma s-suspett necessarju sabiex tinhareg l-ordni li harget. Jikkwota wkoll mix-xhieda tal-veterinarju Duncan Chetcuti Ganado fis-6 ta’ Dicembru 2013, fejn dan jispjega dak li huwa necessarju sabiex persuna trabbi merhla; mix-xhieda ta’ Mark Cini rapprezentant tal-MEPA fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2014, kif ukoll mix-xhieda ta’ Joseph Zammit li ta fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2014, fejn ta’ spjegazzjoni dwar id-data li tiddahhal fin-*National Livestock Database*.

“17. Il-konvenut jikkwota wkoll l-Artikolu 5(1)(a) tal-Avviz Legali 292 tal-2005 li jipprovdi li marki ta’ identifikazzjoni ghandhom jigu applikati qabel l-annimali jitilqu mir-razzett fejn jitwieldu. L-istess provvediment huwa mtenni fir-Regolament tal-Kunsill Ewropew numru 21/2004. Jghid li allura mill-provi kollha prodotti jirrizulta li l-appellant qieghed irabbi annimali in kontravvenzjoni tal-ligi. Ghalhekk ma huwiex korrett l-appellant meta jargumenta li l-ordni harget abbazi ta’ policy, ghax fil-fatt harget abbazi tal-Ligi.

“18. Jikkwota wkoll mix-xhieda ta’ Dr Anthony Gruppetta li fl-affidavit tieghu spjega illi l-produzzjoni da parti tar-rikorrent tal-prodotti tal-halib fi kwantitajiet industrijali gew prodotti b’mod illegali u ma humiex

inkluzi fil-pjanijiet nazzjonali tal-kontroll ta' mard zoonotiku u ta' residwi, kif ukoll ma humiex konformi ma' regolamenti ohra ta' igiene u mod ta' kif jigu manifatturati u merfugha prodotti tal-halib.

"19. Jghid ghalhekk illi, mill-fatt fih innifsu li l-attivita` tal-appellant hija wahda totalment illegali, huwa suspett bizzejjed ta' mard, tenut kont li ma hemm ebda traccjabilita` tal-annimali u li huwa ovvju li dawn kienu qed jitrabbew sabiex kemm huma u kemm il-prodotti taghhom jitqieghdu fuq is-suq ghal konsum uman.

"20. Jghid li dwar l-asserzjoni tal-attur illi d-Dipartiment kien jaf bl-ezistenza ta' annimali mhux registrati, l-appellat jirrileva li mix-xhieda ta' Dr Frank Galea tal-4 ta' Ottubru 2013, jirrizulta li l-attur mar biss sabiex jindaga x'ghandu jsir sabiex jibda jrabbi n-naghag, izda fi kwalunkwe kaz dan ma jbiddel xejn mill-fatt li fil-mument li nharget l-ordni, it-trobbija tal-annimali kienet qed issir minghajr permessi u l-animali ma kinux traccabbli. Inoltre, jghid li l-oneru tal-prova li l-annimali kienu hielsa minn kull marda kien jaqa' fuq l-attur li minn naha tieghu dan ma ttella' ebda prova dwar dan.

"*It-Tieni Aggravju*

"21. Dwar it-tieni aggravju, l-attur jghid li ma jaqbilx li l-att amministrattiv konsistenti fid-decizjoni tal-esterminazzjoni ma kienx jilledi d-dritt tieghu tal-audi alteram partem, izda jishaq li dan id-dritt kien gie ghal kollox skartat u menomat.

"22. Jghid li hu ma giex mgharraf bl-akkuza, la gie mgharraf bid-decizjoni nnifisha u kollox baqa' mistur sal-mument li l-ufficjali waslu fuq il-post u bdew joqtlu. Iddahlet ukoll il-Pulizija fejn dawn akkumpanjawh f'zewg ghases differenti u kien hemm li hu kien gie infurmat b'dak li diga` kien beda jsehh. Jghid li l-ewwel Qorti qalet li l-foro taghha ma huwiex dak kompetenti biex jitratta l-arrest illegali, izda bl-arrest tal-attur, id-dritt tieghu ghal audi alteram partem gie mghaffeg.

"23. Jghid li tali arrest wassal sabiex hu gie mcahhad milli jkun jista' jiehu l-proceduri opportuni u jkun jista' jimpedixxi lill-konvenut milli jezegwixxi dak li beda jaghmel, u safa' rinfaccat b'216 naghga maqtula. Il-fatt li huwa kien gie mcahhad mill-possibbilita` li jigi mgharraf bl-ordni li kienet qed tigi ezegwita, milli jkun prezenti waqt il-qtil u milli liberament jiddefendi ruhu minn tali allegazzjonijiet jaghti lok ghall-ksur tal-principju tal-audi alteram partem. Jirrileva wkoll li l-ezekuzzjoni tad-decizjoni saret fil-gurnata tas-Sibt u ghaddew erba' sighat sakemm huwa rnexxilu jwaqqaf l-ezekuzzjoni tal-qatla fuq il-propjeta` tieghu. Jghid li hu ma kienx infurmat mid-Dipartiment dwar din id-decizjoni izda gie nfurmat mill-Ufficcjal tal-Pulizija. Di piu` safa' arrestat illegalment u dan jaghti lok ghal suspett li l-azzjonijiet tad-Dipartiment kienu intenzjonati sabiex icahhduh milli jaghti difiza adegwata.

"24. L-attur ikompli jissottometti:

> "L-ewwel Qnorabbli Qorti sserrah id-deċiżjoni tagħha wara li ċċitat ġurisprudenza. L-esponenti jemmen illi dik il-ġurisprudenza qatt ma setgħet twassal lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-deċiżjoni li waslet, anzi propju tali ġurisprudenza kellha twassal propju għall-kuntrarju ta' dak li ġie deċiż. Hekk pereżempju, is-sentenza ċitata fl-ismijiet Said Intemational Limited vs Bank Ċentrali ta' Malta (Prim' Awla Qorti Ċivili 12/12/2011) tgħid:
>
> "'Il-prinċipju ta' audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittieħed deciżjoni amministrattiva fil-konfront ta' persuna, dan tal-aħħar mhux biss għandu jiġi mgħarraf iżda għandu jingħata l-opportunità li jgħid tiegħu, fuq kollox jingħata widen tassew għal dak li għandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunità li jiddefendi l-każ kif inhu xieraq';

"25. Fost affarijiet ohra l-attur jissottometti wkoll illi ghall-ewwel Qorti il-fatt li t-Tabib Chetcuti Ganado staqsa lill-attur ghal liema raguni l-bhejjem ma kellhomx misluta, u l-attur wiegbu li ma kellux bzonn, ifisser illi r-rekwizit tal-audi alteram partem, gie sodisfatt. Jghid li inoltre galadarba l-ewwel Qorti qieset li t-Tabib Chetcuti Ganado ma kienx rapprezentant tal-konvenut, isegwi li l-konvenut fl-ebda mument ma ra x'kellu xi jghid l-attur qabel ha d-decizjoni.

"26. Jghid ukoll illi anke l-fatt illi d-decizjoni ma gietx ikkomunikata lill-esponenti f'waqtha jikser dan id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq. F' decizjoni tant iebsa li kienet se teffettwa l-hajja tac-cittadin, kif ukoll l-introjtu tieghu, u l-hajja ta' daqshekk annimali, il-konvenut ma seta` qatt jiddeciedi minghajr ma jaghti lanqas opportunita` zghira lill-attur biex iressaq il-kaz tieghu u jipprova li huma hielsa mill-mard. Il-fatt li t-testijiet li saru mill-konvenut fuq uhud mill-karkassi tal-annimali mejtin irrizultaw fin-negattiv, ikompli jipprova t-tezi tieghu.

"27. L-attur isemmi wkoll li hu kien mar id-Dipartiment sabiex jinforma lil Dr Galea li ried jirregistra l-merhla appena akkwista n-naghag, fiz-zmien statutorju koncess mil-ligi, qabel ma sar it-trasferiment tal-bhejjem, izda d-Dipartiment naqas milli jaghti attenzjoni lill-attur, bil-konsegwenza li z-zmien koncess ghar-registrazzjoni kien skada u l-attur baqa' ghaddej bl-attivita` tieghu u sentejn wara, l-konvenut arbitrarjament ghazel li jestermina l-merhla in kwistjoni.

"28. Dwar it-tieni aggravju, il-konvenut jirribatti hekk:

> "L-appellat jibda biex jirrileva li l-appellant jaghmel konfuzjoni bejn l-ghemil amministrattiv u l-ezekuzzjoni tal-istess. Illi l-ezekuzzjoni u cioe' d-distruzzjoni per se saret meta l-istess appellant kien qieghed l-Ghassa tal-pulizija izda dan il-fattur bl-ebda mod ma jfisser li gie lez il-principju tal-audi alteram partem u dan peress li l-ghemil amministrattiv li minnu qed jilmenta l-appellant jirrisali ghall-mument qabel l-ezekuzzjoni.

"Ghal dak li jirrigwarda dana l-principju ta' gustizzja naturali, l-appellat qabel xejn jaghmel riferenza ghall-pubblikazzjoni fl-ismijiet Constitutional and Administrative Law (Caroll, 4 ed. Pg. 155 - 156) fejn jinghad illi '[1] It would be wrong, however, to give the impression that the courts only allow to be done those things expressly provided for by statute, inexorably holding all else to be ultra vires. Any such doctrine would result in public authorities being unduly hampered in the discharge of their general responsibilities. Accordingly, the courts have developed a doctrine under which they interpret statutes as authorizing not only those things expressly provided for, but also acts "reasonably incidental'' to those expressly stated. The classic formulation of this principle remains that of Lord Selborne in A-G v.v Great Eastern Rly Co: ... the doctrine ought to be reasonably understood and applied, and ... whatever may fairly be regarded as incidental to, or consequential upon, those things which the legislature has authorized, ought not (unless expressly prohibited) to be held, by judicial construction, to be ultra vires '.

"Wara l-harsa ta' dak stabbilit fil-gurisprudenza ghal dak li jirriwarda s-sisien tal-principju audi alteram partem, huwa opportun li ssir riferenza ghall-provi li jirrizultaw mill-atti processwali. Illi mill-provi migbura johrog bl-aktar mod car li l-ufficcjali tad-Dipartiment, meta irravizaw l-illegalita' talbu lill-appellant sabiex jaghti spjegazzjoni. Issir riferenza ghax-xhieda moghtija mill-Veterinarju Duncan Chetcuti Gannado fis-6 ta' Dicembru 2013 fejn wara li x-xhud ghamel il-verifiki tieghu ma' ufficjali ohra tad- Dipartiment minn fejn irrizulta li l-istess appellant, il-post u l-annimali ma kienux registrati, jispjega li 'dan ma kienx, hu ma kienx registrat, il-post ma kienx registrat u l-annimali ma kienux irregistrati. U ghidtlu, ghidlu inti taf li suppost tkun registrat mas-Sanita. U hu qalli iva naf. Pero 'rega' rrispondini qalli jien m 'ghandhiex, jien m 'ghandhiex bzonn inkun irregistrat '.

"Minn dan jirrizulta bl-aktar mod lampanti li l-appellant intalab jaghti r-ragunijiet tieghu tant hu hekk li bhala raguni l-appellant gab li huwa ma kellu bzonn l-ebda permessi, raguni li bir-rispett kollu mhijiex raguni valida u dan tenut kont li l-ligijiet vigenti ma jaghmlu l-ebda eccezzjoni li persuna topera tali attivita' minghajr permessi. Illi in oltre, mill-provi rrizulta wkoll li l-istess appellant kien konsapevoli li sabiex jaghmel tali attivita' kellu bzonn il-permessi u dan peress fis-snin disghin l-istess appellant kien qed irabbi n-naghag b'mod legali u kien kopert b'kull permess li kellu bzonn dak iz-zmien. U-fatt li f'dawn l-ahhar snin l-appellant deherlu li jellu jerga' jibda jrabbi n-naghag fuq skala industrijali u ta' produzzjoni minghajr il-permessi necessarji, meta huwa stess kien ftit tas-snin qabel irabbi n-naghag bil-permess, ma hijiex raguni valida izda hija biss affront kontra l-awtorita` tal-ligi.

"Illi l-principji ta' gustizzja naturali jimponu li l-amministrazzjoni pubblika taghti lill-individwu l-opportunita' li ssemma lehenha sabiex taghti r- ragunijiet taghha. Il-frazi audi alteram partem dejjem hekk giet interpretata u l-fatt li l-appellant gie mitkellem u ntalab jaghti r-ragunijiet tieghu mill- ufficjal tad-Dipartiment hija konsoni ma' dak li ddecidew kemm il-Qrati nostrana kif ukoll dawk Inglizi. Illi kienet ghalhekk korretta l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet illi 'Ghalhekk ma jistax jinghad li dan il-principju tal-audi alteram partem gie mittiefes ghaliex fl-ahhar mill-ahhar anki mill- gurisprudenza kkwotata ma

twassalx li bilfors irid ikun hemm xi sottomissjonijiet fit-tul u jrid ukoll jittiehed kont tac-cirkostanzi tal-kaz inwantu kien jikkoncerna annimali li setghu jew il-prodotti maghmula mill- halib taghhom jiddahhlu fil-katina tal-ikel minghajr ma kienu saru l- ezamijiet tad-demm mehtiega. Ghalhekk zgur li ghad-direttur id-decizjoni tittiehed f'qasir zmien. ……. Meta l-ufficcjali indunaw bih it-tabib kellmu mill-ewwel u talbu spjegazzjoni liema spjegazzjoni ma kinitx accettabli ghall-konvenut u wara l-verifiki l-ohra li saru mill-istess tabib ittiehdet id-decizjoni li ttiehdet '.

"Illi l-appellant qed jittenta jirragira l-fatti billi jghid li huwa ma nghatax opportunita' jsemma lehnu u li l-appellat kien konsapevoli tal-attivita' illegali tieghu. Illi l-provi jitkellmu wahidhom: dak li rrizulta senjatament mix-xhieda moghtija minn Dr Duncan Chetcuti Ganado kif korraborat minn Dr Anthony Gruppetta fl-affidavit u fil-kontro-ezami ta' dan ix-xhud huwa li l-appellant kien gie nfurmat b'dettal bl-irregolarita' specifika li giet ravvizata fih u ghal dan in-nuqqas intalab jaghti r-ragunijiet tieghu. Illi kif irrizulta mix-xhieda, ir-raguni tal-appellant ma kinitx wahda sodisfacenti izda kienet biss raguni li tirrazenta l-fieragh u moghtija biss sabiex tisfida l-verb tal- ligi. Illi dwar il-konsapevolezza o meno tal-ezistenza tan-naghag, l-appellant jirreferi ghax-xhieda moghtija minn Dr Galea fejn jixhed illi dak li ghamel l-appellant kienet biss indagini dwar x'kien hemm bzonn sabiex persuna tibda trabbi n-naghag. Illi f'dan il-kuntest altru li gew rispettati l-principji tal-audi alteram partem: l-appellant inghata l-opportunita' jaghti r- ragunijiet tieghu wara li nfurmat bl-illegalita' konstatata: dan jirrizulta ampjament mill-provi prodotti.'

"*It-Tielet Aggravju*

"29. Permezz ta' dan l-aggravju l-attur jilmenta illi l-ghemil tal-konvenut huwa ultra vires u jikkostitwixxi abbuz serju tas-setgha tal-Awtorita` Pubblika billi dan isir ghal ragunijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

"30. Jghid li l-ewwel Qorti skartat fatti rilevantissimi bhall-fatt li hu kellu permessi precedenti u li kien mar l-Ufficju tat-Tabib Galea sabiex jitolbu jirregistra n-naghag iktar minn sentejn qabel, tant li Dr Galea u l-impjegat Joe Mifsud kienu ppreparawlu ittra. Jghid li fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru 2013 Dr Galea jikkontradixxi dak li qal fis-6 ta' Novembru 2012 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni meta l-fatti tal-kaz kienu aktar cari u kien ikkonferma illi kien mar jitolbu sabiex jirregistra n-naghag.

"31. Jistaqsi jekk il-fatt li l-konvenut iddecieda li joqtolhom minghajr ma ra n-naghag, jistax jigi deskritt bhala suspett ragonevoli ta' mard skont l-Artikolu 76 tal-Kap 36 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li l-prezunzjoni ta' mard fuq nuqqas ta' traccjabilita` ma taghmilx sens, stante li li jekk nuqqas ta' traccabilita` tista` taghti suspett ta' mard li ma jkunx ictu oculi, ir-raguni ssejjah illi l-bhejjem jigu ttestjati qabel ma jigu sterminati. Din il-presunzjoni ma tohrog minn ebda ligi, u

soluzzjoni prattika kienet tkun l-issigillar tar-razzett sakemm isiru t-testijiet kollha necessarji.

“32. Jghid ghalhekk illi dan l-ghemil amministrattiv ma jistax jinghad li sar ghal ragunijiet xierqa jew li huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet rilevanti.

“33. Il-konvenut iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jirrileva li l-ordni in kwistjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 76 tal-Kap 36 wara li gie konstatat li la l-attur, la l-post u lanqas l-annimali ma kienu registrati. Jghid li n-nuqqas ta’ traccjabilita` tal-annimali hija raguni sufficjenti sabiex tinhareg l-ordni li nharget. Hu jkompli jwiegeb b’dan il-mod:

> “Il-fatt li l-annimal jidher f’ghajnejn dak li jkun bhala “b’sahhtu” ma jfissirx li jkun effettivament hieles minn kull marda li tista’ toqtol lill-ovini u lill-kaprini. Illi fix-xhieda permezz tal-affidavit ta’ Dr Anthony Gruppetta nsibu illi annimali mhux traccabbli ‘Kienu u jibqaw riskju ghas-sahha pubblika ghax ma humiex maghrufa u ma hemmx mekkanizmu legali biex dawn jigu ikkunsidrati u li bih jistghu jiddahhlu fil-katina ta’l-ikel wkoll fl-2010’. Ix- xhud kompla jispjega illi ‘Is-sur Attard ma ressaq l-ebda dokumentazzjoni biex jipprova li dawn in-naghag huma ezenti minn kull mard jew residwi li jistaw jaghmlu hsara lil bniedem u ghadu ma ippresentax l-artikoli legali fejn id-Dipartiment jista’jaqbad annimali mhux maghrufa u jdahhalhom fil- katina tal-ikel. Gab biss bhala xhud produttur biex jghid li bghelu hrief b’mod irregolari li s-sur Attard zamm ghat-trobbija qabel ma saritilhom l- identifikazzjoni ufficjali kif titlob il-ligi u minghajr ma marru jitolbu l-awtorizzazzjoni tac-caqlieq ta’ bhejjem kif kien jaf ben tajjeb li kellu jaghmel is-sur Attard ghaliex kien ghamel hekk fl-1995 u 1996. Is-sur Attard qal li ma humiex morda ghaliex qeghdin jigru u qeghdin hemm u ghaliex hu jgharafhom. Xi snin ilu Malta baghtet rigal ta ‘ftit moghoz lill- Gvern Tunezin u dawn wkoll kienu jaqbzu u jigru u kienu jidhru f’sahhithom u normali izda l-Gvern Tunezin meta waslu qatilhom u haraqhom ghaliex fost il-hafna testijiet li ghamlulhom sabuhom posittivi ghal-marda ta ‘ Viral Encephalities and Artherities maghrufa wkoll bhala Maedi Visna fin- naghag. Dan huwa ezempju car li juri li hadd ma jista’ jghid li annimal huwa ezenti mill-mard semplicement ghax ihares lejhom’.
>
> “Illi l-appellant jargumenta li n-naghag li ghadhom fir-razzett setghu gew ittestjati: l-appellat jissottometti li l-appellant ma gab l-ebda prova waqt il- kawza li ghamel xi testijiet sabiex jissustanzja dan l-argument tieghu u dan peress li l-appellant jaf sewwa li hemm numru kbir ta’ testijiet li wiehed ghandu jaghmel fuq ovini u kaprini sabiex jassigura li l-annimal huwa ezenti minn kull marda, spiza li fl-ahhar mill-ahhar, l-appellant ma refghax sabiex jipprova l-argument tieghu. Dak li jaghmel l-appellant huwa biss numru ta’ argumenti fl-arja li mhux sostnuti minn provi li jirrizultaw mill-atti. It-testijiet li saru fuq l-karkassi tan-naghag distrutti kienu biss ghall-marda wahda u mhux it-testijiet kollha necessarji. Ghalhekk dak li nstab mit-testijiet certament mhuwiex konklussiv fis-sens li wiehed jista’ jargumenta b’mod konvincenti li l-annimal huwa ezenti minn kull marda.
>
> “Maghdud ma dan, l-appellant qed jinjora b’mod l-aktar lampanti l-fatt li huwa qed jopera kontra l-ligi u dan peress li huwa ma ottjena l-ebda

permess u dan fl-isfond tal-fatt li huwa stess ftit taz-zmien kellu attivita' regolari. Dan sar kollu bi hsieb kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u cioe' sar sabiex l-appellant jirregistra bhala persuna minghajr xoghol u f'dawn is-snin kollha li kien qed irabbi n- naghag illegali kien qieghed jircievi wkoll l-beneficcji socjali. Illi in oltre, ma hemm l-ebda disposizzjoni fil-ligi li tipprovdi li annimali mhux registrati, ghalhekk mhux traccabbli, jistghu jiddahhlu fil-katina tal-ikel.

"Illi bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista jigi sanat l-operat illegali tal-appellant.

"Illi jinghad ukoll li l-ordni li nghatat hija wkoll konsoni ma' dak li jaghmlu Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropeja. Illi dan jirrizulta mix-xhieda permezz tal-affidavit moghtija minn Dr Anthony Gruppetta jigi spjegat illi 'kull meta ahna insibu annimali illegali, bhala procedura innehhu l-annimali mill-aktar fis possibbli u wara nohorgu pieni amministrattivi fuq bazi tal-Artikolu 61 tal-KAP 437'. Kompla jispjega illi 'Din il-procedura mhix procedura li taghmel Malta biss u kif xhedt jiena quddiem il-qorti waqt is-smiegh tal-mandat kawtelatorju hemm numru ta 'pajjizi ohra, bhal Irlanda, Franza, l-Italja u Cipru u ohrajn li ukoll inehhu l-annimali illegali. Bhala kustodji tas-sahha pubblika ahna nikkonsidraw kull animal li ma huwiex traccabbli sa l-origini bhala riskju u ma hemm l-ebda skuza biex dan ir-riskju li jista b'xi mod iwassal ghal mard fil-bniedem jew f'bhejjem ohra jista bil-ligi jigi risanat jew riaccettat fil-katina ta ' l-ikel. Dan iwassal biex annimali illegali u bla provenjenza dokumentata u traccabbli ma jistghux jigu risanati u jidahhlu fil-katina ta ' l-ikel. Tant ma jistghax isir hekk li ma hemm l-ebda mekkanizmu u provvediment fd-ligi biex isir dan. Kuntrarjament, l-artikolu 4 (1) (b) tal-Avviz Legali 292 ta'l-2005 SL 437.78 jistipola li kull detentur ta ' naghag u moghoz ghandu jzomm registru li jinkludi ta ' l-inqas l-ghadd totali ta ' naghag u moghoz li jkunu jinsabu fi- razett, kif wkoll il-wild u mewt ta ' kull sena u caqlieq ta ' bhejjem bhal xiri, bejgh jew qatla. Is-sur Attard ma ghandux din l-informazjoni kif ma ghandux l-ebda dokument mahrug mill-awtorita kompetenti ta' min fejn xtara dawn l-annimali. Il-proceduri li ghandhom jigu segwiti, is-sur Attard kien jafhom sew ghaliex fl-1995 kellu registrazzjoni tar-razzett tan-naghag ghalkemm kien imnizzel b'indirizz iehor min dak tal-llum (60, St Lawrence Str) fejn kellu 63 naghaga li kellhom identifikazzjoni ufficjali b'imsielet mal-widna differenti min tal-llum li kienu jgibu numri min 60949 sa 67011.' Ix-xhud kompla jispjega li 'Dak iz-zmien mir-records jidher li s-sur Attard kien jimxi mar-regoli u kien jiddikjara kull mewt li kellu fil-1995 u 1996, kif wkoll mar jghamel id-dokumentazzjoni necessarja ghal-awtorizzazzjoni tac-caqlieq ta ' bhejjem kull meta biegh xi wahda min dawn in-naghag. Records tas-sur Attard jew tar-razzett tieghu ta'dak iz-zmien wara l-1996 ma hemmx ghaliex kif iddikjara l-istess Ganni Attard wkoll f'xiedha li kien ta 'go din il- Qorti waqaf mit-trobbija u meta rega' beda jrabbi ma mexiex mal-proceduri stabbiliti fil-ligi'.

"L-appellat jirrileva wkoll li l-ebda persuna ma ghandha d-dritt tikser il-ligi u mbaghad tilmenta li l-esponenti jabbuza mis-setgha moghtija lilu ghaliex jiehu l-passi moghtija lilu mil-ligi. ……

> "Illi certament, li fil-kaz odjem, l-ordni li hareg l-appellat mhijiex abbuz ta' poter moghti lilu izda tali ordni kienet ibbazata fuq il-fatt li l-appellant qed jopera attivita' totalment illegali, liema attivita' tikkostitwixxi riskju ghall- integrita' tal-katina tal-ikel u fl-ahhar mill-ahhar ghas-sahha tal-bniedem, li skont il-ligijiet vigenti tali attivita' illegali qatt ma tista' tigi sanata, illi l-agir tal-esponenti huwa msejjes fuq dak li tipprovdi l-ligi u fil-parametri tal-istess u li jsegwi ghalhekk li l-ordni kienet wahda legittima u ragonevoli mehuda ghall-ghanijiet xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet rilevanti. Illi kienet ghalhekk korretta l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li tenut kont tal-ligi nostrana u dik tal-Unjoni Ewropeja 'u tenut kont tal-fatt li wara l- verifiki li saru mill-ufficjali tad-dipartiment li (i) l-attur ma kienx registrat biex izomm l-annimali; (ii) il-premises infushom mhumiex koperti bil-permessi necessarji u r-razzett mhux registrat mad-database; u (iii) lanqas l-annimali ma kienu u tenendo kont li dan in-nuqqas kollu kien ifisser nuqqas ta ' traccabilita ta ' l-annimali ghar-ragunijiet li ssemmew aktar 'il fuq kwindi s-suspett tad-direttur kien wiehed ragjonevoli u ghalhekk id-diskrezzjoni fdata f'idejh mil-ligi giet ezercitata fil-parametri tal-ligi'."

"<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

"34. Din il-Qorti sejra tibda biex tiddeciedi dwar ir-rikors prezentat mill-attur tat-13 ta' Ottubru 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tisma' x-xhieda mehuda permezz tal-mezzi elettro-manjetici quddiem l-ewwel Qorti, specifikament ix-xhieda tieghu stess, dik tat-Tabib Dr Frank Galea, u ta' Joseph Mifsud, u dan skont in-nota tal-istess attur ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2015.

"35. Il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-attur, in-nota tal-istess, ir-risposta tal-konvenut datata 10 ta' Novembru 2015, u l-atti kollha relattivi, ikkonsidrat illi l-ghan tal-attur ma huwiex li jigu korretti xi difetti fit-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda, izda li din il-Qorti tara l-'animu' li bih xehdu l-persuni imsemmija, tqis li dan huwa ezercizzju mhux mehtieg sabiex tkun tista' tasal ghad-decizjoni taghha, u konsegwentement tichad it-talba.

"*L-Ewwel Aggravju*

"36. Permezz tal-ewwel aggravju, l-attur jilmenta li l-konvenut ma kienx awtorizzat jaghti l-ordni kontestata. Huwa jissottometti illi ghalkemm din il-*policy* tal-qtil tal-annimali illegali ilha tithaddem snin, ma tfissirx li hija legali.

"37. L-istharrig ta' din il-Qorti ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-konvenut dwar il-mertu tad-decizjoni amministrattiva mehuda minnu, izda jehtieg li jigi stabbili jekk tali decizjoni hijiex monka minn bazi legali. Fi kliem iehor, seta' l-konvenut, abbazi tal-poteri u l-funzjonijiet lilu attribwiti mil-ligi, jasal ghad-decizjoni li wasal ghaliha?

"38. Jinghad illi: '*An act of a governmental agency is ultra vires if it is beyond the express or implied powers conferred by statute.*'[5] Il-konvenut jissottometti illi l-bazi legali tad-decizjoni tieghu huwa l-Artikolu 76 tal-Kap 36 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jawtorizza lid-Direttur tal-Biedja illi meta jidhirlu xieraq, jordna li jigi maqtul kull annimal suspettat li ghandu marda. Fil-kaz odjern jinsab assodat illi tali decizjoni ttiehdet minn Dr Anthony Gruppetta, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali fid-Dipartiment Veterinary and Phyto Sanitary Regulations.

"39. L-ewwel Qorti filwaqt li sahqet illi huwa minnu li l-artikolu fuq citat jawtorizza lid-Direttur tal-Biedja u mhux lill-konvenut illi jistermina bhejjem li huma suspettati morda, fl-istess hin spjegat ukoll illi ma tistax tieqaf fuq l-intestatura, u jehtieg illi din il-ligi tinqara mal-Att tas-Servizz Pubbiku, Kap 497 tal-Ligijiet ta' Malta li fit-Tieni Skeda jipprovdi li fl-intimat hemm vestiti l-funzjonijiet u dak kollu li ghandu x'jaqsam mas-sahha tal-annimali u s-sahha pubblika dovuta ghall-mard li jittiehed mill-annimali.

"40. Din il-Qorti ghalkemm ma taqbilx li l-bazi legali tas-setgha tal-konvenut tinstab fl-Artikolu 76 tal-Kap.36, madanakollu taqbel li dik is-setgha tohrog mit-Tieni Skeda tal-Kap 497 li fiz-zmien li fih kienet ittiehdet id-decizjoni kontestata, ghalkemm ma kinitx issemmi espressament il-qtil ta' bhejjem suspettati morda, kienet[6] tipprovdi espressament illi l-konvenut seta' jezercita l-funzjonijiet necessarji sabiex jissalvagwardja s-sahha pubblika mill-mard li jittiehed mill-annimali.

"41. Fl-affidavit tieghu Dr Gruppetta jispjega l-inevitabilita` ta' tali decizjoni drastika f'cirkostanzi simili, kif ukoll b'liema mod huwa jkun qed jissalvagwardja s-sahha pubblika meta jiehu tali decizjonijiet bhal dik in dizamina:

> "Bhala kustodji tas-sahha pubblika ahna nikkunsidraw kull annimal li ma huwiex traccabbli sa l-origini bhala riskju u ma hemm l-ebda skuza biex dan ir-riskju li jista' b'xi mod iwassal ghal mard fil-bniedem jew f'bhejjem ohra jista' bil-ligi jigi risanat jew ri accettat fil-katina tal-ikel."[7]

"42. Fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kellu l-jedd u d-dmir illi, fid-dawl tat-Tieni Skeda tal-Kap 497, kif ukoll tenut kont tat-theddida ghas-sahha pubblika li n-naghag jikkostitwixxu, jiehu l-azzjoni illi ha, u kwindi d-decizjoni tieghu ma hijiex ultra vires imma hija wahda intra vires.

"43. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint

---

5 Re John E. Keim, Debtor 212 BR 493 – United States Bankruptcy Court, D. Maryland 25th July 1997
6 Sostitwita b'A.L. 50 tal-2015
7 A fol 399

"*It-Tieni Aggravju*

"44. Permezz tat-tieni aggravju, l-attur jilmenta illi bid-decizjoni de quo, id-dritt tieghu ghal audi alteram partem gie lez.

'45. Isemmi fost affarijiet ohra illi huwa messu inghata l-opportunita` li jressaq il-kaz tieghu u jipprova li l-annimali huma hielsa minn kull mard. Din il-Qorti, tifhem illi huwa xtaq jaghmel dak kollu possibbli biex isalvahom izda taghmel is-segwenti osservazzjonijiet li jdghajjfu serjament it-tezi tal-attur.

"46. Jirrizulta pacifiku illi l-attur kien ilu mis-sena 2010 illi avvicina lil Dr Frank Galea sabiex jinforma ruhu dwar x'kellu jaghmel u xi proceduri kellu jsegwi sabiex jirregistra n-naghag tieghu. Dak li ma hemmx qbil dwaru huwa l-fatt jekk Dr Frank Galea kienx edott mill-fatt illi l-attur kien qieghed diga` jrabbi n-naghag bla permess, jew jekk, kif xehed hu, l-attur kienx mar biss sabiex jindaga u jikseb informazzjoni minghajr ma qallu li diga` kien qieghed irabbi.

"47. Filwaqt illi kienx jaf jew le Dr Frank Galea dwar l-ezistenza tan-naghag ma timpingiex fuq il-mertu tal-vertenza odjerna in kwantu ma ngabet ebda prova li kienet effettivament saret talba formali ghal registrazzjoni taghhom da parti tal-attur, il-fatt illi l-attur stess,[8] jghid li kien ilu sa mis-sena 2010 jissielet sabiex jirregistra n-naghag in kwistjoni jmur biex juri illi effettivament l-attur kellu sentejn sabiex iressaq il-kaz tieghu. Jekk huwa minnu illi d-Dipartiment naqas billi ma mexxiex it-talba tieghu ghal registrazzjoni, kien messu ha dawk il-passi opportuni, inkluzi proceduri legali opportuni, sabiex l-istess Dipartiment jipprocessa t-talba tieghu.

"48. Jinsab assodat fil-provi illi l-attur kien f'pozizzjoni illegali u rregolari u, ghalkemm huwa kien jaf b'dan il-fatt u jghid li kien tkellem mal-awtoritajiet sabiex jirregolarizzawlu l-pozizzjoni tieghu, f'sentejn shah ma ha ebda azzjoni lanqas legali biex dan isir. Kien biss meta ttiehdet id-decizjoni kkontestata illi ha azzjoni legali sabiex iwaqqafha temporanejament.

"49. Id-dmir illi jirregolarizza l-posizzjoni tieghu kienet tal-attur u tieghu biss. Galadarba hu kien ilu ta l-inqas sentejn imexxi l-attivita` moghnija b'hafna nuqqasijiet, allura ma jistax issa validament jghid illi d-decizjoni, drastika kemm hi drastika, giet bhal sajjetta fil-bnazzi b'dan illi lledietlu d-dritt tieghu ghal audi alteram partem.

"50. Jirrizulta inoltre illi erbgha u ghoxrin siegha qabel, l-attur saritlu spezzjoni fuq il-post fejn gie mistoqsi kellux il-licenzji u r-registrazzjonijiet necessarji. Irrispondiex jew le li ma kellux bzonnhom hija irrelevanti f'dan l-istadju ghaliex dak li jghodd huwa li waqt l-imsemmija ispezzjoni, huwa gie mistoqsi ghandux il-licenzji necessarji

8 Vide fost ohrajn, xhieda tal-attur tal-4 ta' Ottubru 2013, a fol 110 et seq

u ammetta li ma kellux.[9] Inoltre, l-veterinarju Duncan Chetcuti jixhed ukoll illi l-attur staqsih x'kien se jigri, u huwa nfurmah illi kien ser jipprezenta r-rapport ghad-diskuzzjoni mas-superjuri tieghu u konsegwentement kienu ser jittiehdu d-decizjonijiet. Galadarba l-attur kien jaf li l-pozizzjoni irregolari tieghu kienet giet a konoxxenza tad-Dipartiment b'mod ufficjali, allura kien ragonevolment jistenna illi kienet ser tittiehed xi tip ta' azzjoni jew *enforcement* fil-konfront tieghu, b'mod partikolari meta si tratta ta' mijiet ta' naghag li l-prodotti taghhom kienu intizi ghall-konsum uman. Seta' ghalhekk, anke f'dak l-istadju jiehu azzjoni immedjata galadarba kien jaf jew messu kien jaf, illi l-qtil tal-bhejjem in kwistjoni kienet wahda mill-konsegwenzi possibbli in vista tal-irregolaritajiet tieghu u l-konsegwenti riskji li dawn setghu jgibu maghhom ghas-sahha pubblika. Huwa ghalhekk minnu, kif jissottometti l-konvenut, illi d-decizjoni riedet tittiehed f'qasir zmien, izda dan kien dovut ghar-riskji ta' mard li tali sitwazzjoni setghet tikkaguna lis-sahha pubblika.

"51. Il-fatt illi, kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti, in-naghag in kwistjoni qatt ma setghu jiddahhlu fil-katina tal-ikel[10] ixejjen l-argument tal-attur illi kieku huwa nghata l-opportunita` huwa seta' iressaq il-kaz tieghu u jipprova illi l-annimali huma hielsa minn kull mard. Galadarba l-proceduri inizjali sabiex dawn in-naghag setghu jigu rintraccjati ma sarux u ladarba l-attur ma pprovax li n-naghag, sal-anqas wahda, kienu minghajr mard allura l-ordni li ta l-konvenut konsegwenza tad-decizjoni tieghu kienet wahda inevitabbli.

"52. Kien jispetta lill-attur, sa mill-bidu nett, illi ma jesegwix it-trasferiment tal-bhejjem qabel ma jsiru r-registrazzjonijiet kollha opportuni u rikjesti mil-ligi. Jekk huwa minnu illi kien mar id-Dipartiment sabiex jirregistra l-merhla fiz-zmien statutorju koncess mil-ligi, hu kien fid-dover illi jiehu l-passi necessarji kollha sabiex dan isir qabel ma jiskadi z-zmien preskritt mil-ligi u mhux jibqa' ghaddej bl-attivita` ben konsapevoli li hija wahda illegali. Dan biss seta' jikkonsentilu illi jdahhal in-naghag u l-prodotti tal-halib taghhom fil-katina tal-ikel b'mod legali u sikur ghal konsumatur. Il-pregudizzju lilu ikkreat huwa konsegwenza inevitabbli tan-nuqqasijiet tieghu stess.

"53. Fl-ahharnett dwar il-principji ta' gustizzja naturali, b'mod partikolari audi alteram partem, issir referenza ghal **Wade and Forsyth**[11], fejn dwar il-principju ta' '*fair hearing*' jinghad:

> "...it must be a flexible principle. The judges, anxious as always to preseve some freedom of manoevre, emphasise that 'it is not possible to lay down rigid rules as to when the princples of natural justice are to apply: nor as to their scope and extent.

9 Vide xhieda u rapport tal-Veterinarju Duncan Chetcuti Ganado, fol 380 u 384 rispettivament

10 Vide affidavit ta' Dr Anthony Gruppetta, fol 396 et seq

11 William Wade Christopher Forsyth, *Administrative Law*, Oxford University Press, Eleventh Edition Pg 421

> Everything depends on the subject-matter.'[12] Their application, resting as it does upon statutory implication, must always be in conformity with the scheme of the Act and with the subject-matter of the case. 'In the application of the concept of fair play there must be real flexibility.'[13] There must also have been some real prejudice to the complainant: there is no such thing as a merely technical infringement of natural justice.[14]
>
> "Sometimes urgent action may have to be taken on grounds of public health or safety for example to seize and destroy bad meat exposed for sale[15] or to order the removal to hospital of a person with an infectious disease.[16] In such cases the normal presumption that a hearing must be given is rebutted by the circumstances of the case."

"54. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati u tal-konsiderazzjoni li l-attur inghata widen daqskemm wiehed ragonevolment seta' jistenna li jinghata fic-cirkostanzi, it-tieni aggravju jirrizulta wkoll infondat u qieghed ghalhekk jigi respint.

"*It-Tielet Aggravju*

"55. Permezz tat-tielet aggravju tieghu, l-attur jilmenta illi d-decizjoni tal-konvenut hija ultra vires u tikkostitwixxi abbuz serju tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi saret ghal ragunijiet mhux xierqa jew msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

"56. Fl-istharrig tal-ghemil amministrattiv taht l-Artikolu 469A (1)(b)(iii) tal-Kap 12, jehtieg li l-Qorti tissindika jekk fit-tehid tad-decizjoni in kwistjoni, l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-awtorita` amministrattiva in kwistjoni kienx wiehed ragjonevoli.

"57. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza patria u l-awturi kkwotati mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Ltd v. Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili, id-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili u l-Avukat Generali,** fejn jinghad:

> "Issa hu veru li kull awtorita` trid tagixxi b'mod ragjonevoli, fis-sens li d-decizjoni taghha trid tkun wahda dettata bir-raguni <u>meqjusa c-cirkostanzi kollha rilevanti tal-materja.</u> [enfasi ta' din il-Qorti] Fil-kawza Buttigieg v. Rettur tal-Universita` ta' Malta et, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Dicembru 2003 intqal li:

---

12 R. v Gaming Board for Great Britain ex p Benaim and Khaida [1970] 2 QB 417 at 439 (Lord Denning MR)
13 Re Pergamon Press Ltd [1971] Ch 388 at 403 (Sachs LJ)
14 George v. Secretary of State for the Environment (1979) 77 LGR 689
15 White v Redfern 918790 5 QBD 15
16 R V Davey [1899] 2 QB 301

"It-'tests' ta' 'unreasonableness' fl-ezercizzju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawzaKruse v. Johnson 1898 u b'dan il-mod: 'if they are manifestly unjust'; 'if they disclosed bad faith'; if they could find no justification in the minds of reasonable men."

"58. Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 2015 fl-ismijiet **Adrian Deguara v. Suprintendent tas-Sahha Pubblika**, fejn il-Qorti sahqet:

"'L-ghoti tal-helsien mill-harsien ta' ligijiet sanitarji hija diskrezzjonali ghall-Bord, izda l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni huwa sindakabbli mill-qrati ordinarji jekk jirrizulta li hija rragjonevoli jew li ttiehdu konsiderazzjoni ta' fatturi li ma kellhomx jittiehdu jew ma ttiehdux konsiderazzjoni ta' fatturi li kellhom jittiehdu. [sottolinear ta' din il-Qorti] Fil-kawza ricenti All for Property Ltd. v. Direttur Generali (Dwana), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2014, f'kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sar reassunt tal-principji legali applikabbli meta jsir stharrig ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni. Intqal hekk a propozitu:

"Fil-kuntest tas-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap. 469A dwar irrelevant considerations Lord Esher MR fil-kawza "R. vs St. Pancras Vestry" (1890) qal hekk:-
""They must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion".

"Kif qal l-awtur **HWR Wade**, fil-ktieb tieghu *Administrative Law*, jikkummenta hekk:-

""A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably." [Lord Wrenbury]."

"Il-Qorti tirreferi ghal dak deciz fil-kaz "Debono v Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku"[17] fejn il-Qorti pprecizat li "l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) ma jfissirx li l-Qorti ser tezamina l-mertu tal-kaz quddiem l-Awtorita`, imma jekk l-Awtorita` wasslet ghad-decizjoni taghha abbazi ta' improper purpose' jew konsiderazzjonijiet irrilevanti."

"59. Jirrizulta mill-atti illi l-konsiderazzjonijiet principali li fuqhom mexa l-konvenut sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu kienu s-segwenti.

17 PA GCD -12 ta' April 1999

"60. Gie spjegat b'mod ragunat u dettaljat mit-Tabib Gruppetta kemm fl-affidavit tieghu[18], kif ukoll waqt il-kontro-ezami tat-13 ta' Marzu 2014[19], illi annimali li ma jkunux *traceable*, ma jistghu qatt jiddahhlu fil-katina tal-ikel. It-traccjabilita` tal-annimali tohrog min-*national life stock database,* u ghalhekk kwalsiasi annimal li ma jkunx irregistrat f'din id-database jitqies illi ma huwiex traccjabbli u ghalhekk ma jista' qatt jiddahhal fil-katina tal-ikel. Ix-xhud imur oltre, u jispjega illi din il-procedura ma hijiex semplicement wahda lokali, izda tohrog ukoll minn Regolamenti tal-Unjoni Ewropea bhal ma hi EC21/2004[20]. Fl-affidavit tieghu ix-xhud jispecifika illi t-tehid ta' azzjoni kawtelatorja fil-linji ta' produzzjoni tal-ikel huwa obbligu taghhom intiz biex jissalvagwardjaw is-sahha tal-bniedem. Hu jirreferi ghar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja 178/2002[21] li jitratta l-principji generali u r-rekwiziti legali dwar l-ikel u s-sigurta` tal-ikel fost affarijiet ohra. Fl-affidavit tieghu jirreferi wkoll ghal legislazzjoni sussidjarja lokali li wkoll tipprovdi ghal registrazzjoni tassativa tal-irziezet, ta' kull min jahdem fihom, u tal-annimali nfushom, kif ukoll il-htiega ta' permess minghand id-Direttur ghal caqliq ta' annimal minn razzett registrat ghal xi mkien iehor.[22]

"61. Waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, ix-xhud Joseph Zammit[23] spjega b'mod dettaljat il-process kollu nvolut sabiex tiddahhal l-informazzjoni fin-National Livestock Database. Dan huwa process rigoruz li jibda minn mindu l-annimal jitwieled, sabiex ikun jista' jigi stabbilit l-origini tieghu u jigi determinat jekk per ezempju, hemmx xi mard genetiku fil-familja tal-annimal in kwistjoni. Kull annimal jigi abbinat mal-farm in kwistjoni, u kwalsiasi caqliq jehtieg il-permess tad-Dipartiment. Dan dejjem sabiex jigi evitat it-tixrid ta' mard b'riskji evidenti ghal annimali ohra u finalment ghas-sahha pubblika.

"62. Fl-affidavit tieghu Dr Gruppetta kien car meta qal:

> "Bhala kustodji tas-sahha pubblika ahna nikkonsidraw kull annimal li ma huwiex traccabbli sa l-origini bhala riskju u ma hemm ebda skuza biex dan ir-riskju li jista' b'xi mod iwassal ghal mard fil-bniedem jew f'bhejjem ohra, jista bil-ligi jigi sanat jew accettat fil-katina tal-ikel. Dan iwassal biex annimali illegali u bla provenjenza dokumentata u traccabbli ma jistghux jigu sanati u jiddahhlu fil-katina tal-ikel. Tant ma jistax isir hekk li ma hemm l-ebda mekkanizmu u provvediment fil-ligi biex isir dan."[24]

---

18 Fol 396 et seq
19 Fol 588 et seq
20 Council Regulation (EC) No 21/2004 of 17 December 2003 establishing a system for the identification and registration of ovine and caprine animals and amending Regulation (EC) No 1782/2003 and Directives 92/102/EEC and 64/432/EEC
21 Regulation (EC) No 178/2002 of the European Parliament and of the Council of 28 January 2002 laying down the general principles and requirements of food law, establishing the European Food Safety Authority and laying down procedures in matters of food safety
22 Vide fost ohrajn Avviz Legali 292 tal-2005 u Avviz Legali 151 tal-1989.
23 Fol 519 et seq
24 Fol 399

“63. Din il-Qorti tinnota wkoll illi l-attur ma kienx qieghed irabbi erba’ naghgiet bhala delizju. Kieku dan kien il-kaz kien ikollu jsegwi proceduri ohra iktar espedjenti kif jispjega Dr Frank Galea a fol. 143. Hawnhekk jirrizulta inkontestat illi l-kwantitajiet ta’ naghag li kellu l-attur, kif ukoll l-oggetti li nstabulu fuq il-post, fosthom tankijiet bil-gbejniet kif deskritt mit-Tabib Gruppetta fl-affidavit tieghu, u kif huwa evidenti anke minn harsa prima facie lejn ir-ritratti Dok AG1 sa Dok AG 18 ipprezentati fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni, kienu ntizi ghall-konsum tan-nies. Maghdud ma’ dan hemm in-nuqqasijiet l-ohra tal-attur, fosthom, li ma ghandux licenzja ghal post li jipproduci prodotti tal-halib fi kwantitajiet industrijali, mhuwiex registrat bhala persuna li tipprepara l-ikel, u huwa nieqes mill-approvazzjoni necessarja taht ir-Regolament Ewropew 853/2004 li jistabilixxi certi regoli ta’ igene ghall-ikel li jorigina mill-annimali.

“64. Dawn in-nuqqasijiet u ohrajn gew spjegati fid-dettal mit-Tabib Gruppetta fl-affidavit tieghu. L-attur ma ressaq ebda prova li mqar xi wiehed minn dawn in-nuqqasijiet indikati ma kienx minnu, u ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-irregolaritajiet kollha msemmija mit-Tabib Gruppetta huma sufficjentement provati.

“65. Jinghad illi, filwaqt li huwa car li n-nuqqas ta’ traccjabilita` tan-naghag bil-konsegwenti riskji ghall-bniedem, kienet ir-raguni fondamentali li fuqha il-konvenut ibbaza d-decizjoni tieghu, in-nuqqasijiet l-ohra jservu biex jikkonfortaw tali decizjoni u jitfghu dawl fuq l-istat ta’ telqa u illegalita` li sfortunatament kien jahdem fiha l-attur, b’riskji evidenti ghall-konsumatur f’kaz li l-prodotti tieghu jidhlu fil-katina tal-ikel.

“66. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati jdghajjfu, jew ahjar igibu fix-xejn, l-argumenti mressqa mill-attur illi l-prezunzjoni ta’ mard fuq nuqqas ta’ traccabilita` ‘ma taghmilx sens’.

“67. Ghaldaqstant dan l-aggravju wkoll huwa nfondat u qed jigi respint.

“**Decide**

“Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qeghdha tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu regolati skont id-decizjoni tal-ewwel Qorti, mentri l-ispejjez tal-appell odjern ikunu a karigu tal-attur”.

Ir-rikorrent ritrattand issa ressaq dawn il-proceduri ghax qed jallega li din il-Qorti, fis-sentenza precedenti taghha, applikat il-ligi hazin. L-argument tar-ritrattand huwa illi din il-Qorti applikat regolament li ma

baqax jezisti meta giet deciza l-kawza, u dana b'referenza ghat-Tieni Skeda tal-Kap. 497 tal-Ligijiet ta' Malta, li skont din il-Qorti, kienet tawtorizza lill-intimat jiehu decizjoni li twassal ghall-qtil ta' bhejjem suspettati morda. Jghid ukoll li din il-ligi ma tawtorizzax il-qtil ta' annimali.

Din il-Qorti, minghajr ma toqghod tikkwota mill-gurisprudenza kopjuza in materja, tirribadixxi l-principji li r-regoli ta' ritrattazzjoni ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, anke biex ma jinghatax lok ghal tentattivi tat-tielet appell, li mhux koncess fis-sistema procedurali Malti. Talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazin cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tieghu, b'mod hazin.

Din il-Qorti ma tarax li, f'dan il-kaz, saret applikazzjoni hazina tal-ligi. Fil-kuntest ta' proceduri civili, meta agir ta' ufficjal pubbliku jkun qed jigi kontestat, il-Qorti trid thares lejn il-ligi u l-poteri ta' dak l-ufficjal pubbliku fil-mument li twettaq dak l-agir kontestat. F'dan il-kaz, din il-Qorti, fis-

sentenza precedenti taghha, gharfet il-fatt li l-ligi giet sussegwentement mibdula, izda qalet illi "*fiz-zmien li fih kienet ittiehdet id-decizjoni kontestata*", il-ligi kienet tippermetti lill-intimat jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex jissalvagwardja s-sahha pubblika mill-mard li jittiehed mill-annimali. Din il-Qorti, ghalhekk, kienet konxja mill-fatt li l-ligi nbidlet fid-data tas-sentenza taghha, pero`, osservat – korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti kif issa ppreseduta – li dak li hu importanti huwa l-mument li sar l-ghemil amministrattiv ikkontestat.

Ir-ritrattand jissottometti wkoll illi l-ligi ma taghtix poter ta' distruzzjoni tal-annimali. Din is-sottomissjoni, pero`, ma taghtix lok ghal ritrattazzjoni. Dak li ghamlet din il-Qorti kien li interpretat il-ligi bhala li taghti l-poteri lill-intimat li joqtol annimali li l-origini taghhom mhux traccjabli. Dak li qalet din il-Qorti huma li l-ordni ta' distruzzjoni taqa' fil-parametri tas-salvagwardja tas-sahha pubblika billi jara li l-bhejjem mhumiex morda. Jidher car li r-ritrattandi qieghed jattakka l-interpretazzjoni tal-ligi li ghamlet din il-Qorti. Il-ligi procedurali nostrana ma tahsibx ghal possibilita` ta' ritrattazzjoni f'dan il-kaz u dan stante li l-ligi tiprospetta biss ritrattazzjoni f'kaz li tigi applikata ligi hazina, cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, filwaqt li ma hux kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ghat-thassir tas-sentenza ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Jannar, 2016, billi tichad l-istess u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu mir-ritrattandi Ganni Attard.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Agent President | Joseph Azzopardi<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb